

Aktar informazzjoni dwar kif tippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna legali hija disponibbli hawn:
<https://justica.gov.pt/Servicos/Pedir-apoio-judiciario>

Kumpens

Fil-Portugall, hija l-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Vittmi tal-Kriminalità (CPVC, Commission for the Protection of Victims of Crime), korp tal-Ministeru tal-Ġustizzja, li hija responsabbli biex tiddeċiedi dwar talbiet għal kumpens li għandhom jingħataw mill-Istat Portugiż, li jiġu ppreżentati minn vittmi ta' reati vjolenti u vittmi ta' vjolenza domestika fi proċedimenti nazżjonali.

Il-protezzjoni tal-vittmi ta' reati vjolenti tikkonsisti fl-attribuzzjoni ta' kumpens mill-Istat lil dawk il-vittmi, meta l-awtur tar-reat ma jkollux il-kapaċità li jikkumpensa lill-vittma nfisha jew meta ma jkunx possibbli li tiġi identifikata l-persuna responsabbli għall-atti li jkunu seħħew.

Il-vittmi tal-vjolenza domestika jistgħu jkunu intitolati li jirċievu appoġġ finanzjarju mill-Istat (imħallas kull xahar) kull meta jkunu f'sitwazzjoni ta' ħtieġa ekonomika serja (eż. meta jkun hemm tifrik tal-familja).

L-applikazzjonijiet huma ħielsa minn kwalunkwe kost jew tariffa għall-vittma u anke d-dokumenti u ċ-ċertifikati meħtieġa għal din l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas.

L-applikazzjoni għandha ssir bl-użu tal-formola online li hija disponibbli fuq is-sit web tas-CPVC. Tista' wkoll tniżżel il-formoli disponibbli fuq is-sit web tas-CPVC u tippreżenta l-formola kkompletata flimkien ma' dokumenti oħra, personalment (wara l-appuntament), bil-fax jew inkella bl-email.

Aktar informazzjoni dwar il-proċedura hija disponibbli [hawn](#).

Bidu ta' kawża ċivili online

It-twassil ta' dokumenti proċedurali għadu limitat għall-professjonisti legali (ġuristi, avukati, u amministraturi tal-qorti) u entitajiet oħra, bħas-servizzi tal-prosekuzzjoni, il-korpi tal-pulizija kriminali, eċċ. lċ-ċittadini għadhom ma jistgħux jinteraġixxu online; huma jistgħu jikkonsultaw il-kawżi tagħhom biss.

Din mhijjex limitazzjoni teknika, iżda waħda legali. L-Ordni jiet 280/2013 u 380/2017, li jirregolaw il-proċedimenti elettroniċi, għadhom ma jipprevedux din il-possibbiltà.

Madankollu, huwa possibbli għaċ-ċittadini li jaċċessaw online il-kawżi kollha tagħhom li huma pendenti quddiem il-qrati ġudizzjarji u l-qrati amministrattivi u tat-taxxa permezz tal-awtentikazzjoni bl-użu tal-Kard taċ-Ċittadini jew il-Kjavi Diġitali Mobbli tagħhom (kif deskritt hawn taħt).

Skop u kamp ta' applikazzjoni: lċ-ċittadini jistgħu jaċċessaw il-kawżi tagħhom li huma pendenti quddiem il-qrati ġudizzjarji u l-qrati amministrattivi u tat-taxxa permezz tal-awtentikazzjoni bl-użu tal-Kard taċ-Ċittadini jew il-Kjavi Diġitali Mobbli tagħhom permezz tas-servizz elettroniku [Il-Kawża Tiegħi](#).

Mhux il-proċedimenti kollha jistgħu jiġu kkonsultati online, peress li l-liġi tipprevedi xi limitazzjonijiet għal dan id-dritt (pereżempju meta l-proċedimenti jkunu taħt is-segretezza tal-ġustizzja). F'xi sitwazzjonijiet, mhux possibbli għal xi partijiet fil-proċedimenti li jikkonsultaw l-atti kollha fil-proċedimenti -

pereżempju, fl-azzjonijiet ta' infurzar, il-persuna li kontriha jkunu tressqu l-proċedimenti (il-konvenut) ma jkollhiex aċċess għall-azzjonijiet dwar il-bidu tal-proċedimenti ta' sekwestru.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru tal-Ġustizzja (*Ministério da Justiça*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: MHUX APPLIKABBLI
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Lċ-ċittadini jridu jawtentikaw lilhom infushom permezz taċ-ċertifikat ta' awtentikazzjoni diġitali tal-karta tal-identità tagħhom jew tal-kjavi Diġitali Mobbli.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: MHUX APPLIKABBLI

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBLI

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: Is-servizz huwa mingħajr ħlas.

Link: <https://processos.tribunais.org.pt/autenticacao>

Aktar informazzjoni dwar kif taċċessa d-dokumenti ġudizzjarji fil-Portugall hija disponibbli [hawn](#).

Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

In-notifika ta' dokumenti uffiċjali tal-qorti b'mod elettroniku hija ddeterminata mill-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#), b'mod aktar speċifiku mill-Artikoli 132 u 225. It-trażmissjoni ta' dokumenti permezz ta' dawn il-mezzi għandha ssir permezz tas-sistemi tal-IT li jappoġġaw l-attivitajiet tal-qorti. Is-sistema speċifika tal-IT mhijiex definita. Inħoloq portal tal-IT speċjali għall-komunikazzjoni tal-qrati mal-avukati permezz tal-[Portal Citius](#).

Parteċipazzjoni fi rkanti ġudizzjarji

Skop u kamp ta' applikazzjoni: e-leilões.pt hija pjattaforma żviluppata mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Avukati u l-Aġenti tal-Infurzar (OSAE) għall-bejgħ ta' oġġetti permezz ta' rkant elettroniku, li hija approvata bl-Ordni Nru 12624/2015.

Awtorità kompetenti: L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Avukati u l-Aġenti tal-Infurzar (Ordem dos Solicitadores e dos Agentes de Exexecução)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: Il-portal huwa miftuħ għal kulħadd.
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: L-ebda rekwiżit tal-identifikazzjoni jew l-awtentikazzjoni.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: L-ebda dokument mhu meħtieġ

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBLI

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: MHUX APPLIKABBILI

Link: <https://tribunais.org.pt/Dividas/Acao-executiva/Leilao-eletronico>

Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Servizzi ta' medjazzjoni tax-xogħol

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Il-medjatur tax-xogħol jiltaqa' mal-impjegatur u mal-impjegat u jgħin hom jilhq u ftehim, li jkun miktub u ffirmat. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, il-kawża tista' tkompli fil-qorti. Il-medjazzjoni tax-xogħol tista' tintalab mill-impjegatur jew mill-impjegat b'kuntratt ta' impjeg individwali. Is-Sistema ta' Medjazzjoni tax-Xogħol ([Sistema de Mediação Laboral](#) – SML) tista' tkun medjatur għal diversi tilwimiet industrijali, bħal: bidliet fil-ħlas tal-pagi; il-ħlas ta' kumpens; il-ħlas ta' allowances f'arretrati; promozzjonijiet; bidla fil-post tax-xogħol; bidla fis-sigħat tax-xogħol; bidla fil-kategorija professjonali; sahra; terminazzjoni (kanċellazzjoni) ta' kuntratt ta' impjeg; l-iskedar tal-vaganzi; proċedura dixxiplinari; rifjut ta' taħriġ vokazzjonali; nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar is-sikurezza, l-iġjene u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol; l-assenjazzjoni tal-impjegat lil kumpanija oħra; it-twettiq ta' attività oħra f'kompetizzjoni mal-kumpanija; in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' student li jaħdem; xi kwistjonijiet legali relatati mal-kuntratt ta' impjeg; eċċ.

Awtorità kompetenti: L-Uffiċċju għas-Soluzzjoni Alternattiva ta' Tilwim (*Gabinete de Resolução Alternativa de Litígios-GRAL*) tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika dwar il-Ġustizzja (*Direção-Geral da Política de Justiça-DGPJ*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: Il-medjazzjoni tax-xogħol, permezz tas-Sistema ta' Medjazzjoni tax-Xogħol, tista' tintalab minn impjegatur (jekk ikun entità legali, irid jintgħażel rappreżentant) jew minn impjegat b'kuntratt ta' impjeg individwali.
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Iċ-ċittadini jridu jawtentikaw lilhom infushom permezz taċ-ċertifikat ta' awtentikazzjoni diġitali tal-karta tal-identità tagħhom jew tal-kjavi Diġitali Mobbli.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: L-utent jitlob medjazzjoni tax-xogħol permezz ta' formola online. L-impjegatur u l-impjegat imbagħad jiġu kkuntattjati mid-DGPJ/mill-GRAL biex jikkonfermaw it-talba għal medjazzjoni u jinħatar medjatur tax-xogħol (jew, jekk jippreferu, jistgħu jagħżlu medjatur mil-lista ta' medjaturi).

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBILI

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: EUR 50 għal kull waħda mill-partijiet involuti fil-proċess, irrispettivament mill-għadd ta' sessjonijiet ta' medjazzjoni u d-durata totali tal-proċess.

Link: <https://ralmais.dgpj.justica.gov.pt/ords/f?p=180:2>

Aktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni tax-xogħol fil-Portugall hija disponibbli hawn: <https://meiosral.justica.gov.pt/Meios-RAL/Mediacao-Laboral>

Servizzi ta' medjazzjoni tal-familja

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Il-medjazzjoni tal-familja tippermetti r-risoluzzjoni ta' tilwim, nuqqas ta' ftehim, u tifik familjali barra l-qrati. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-ftehimiet dwar kwistjonijiet tal-familja jridu jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-qorti jew għall-uffiċċju tar-reġistru ċivili (pereżempju ftehimiet dwar id-divorzju jew ir-regolamentazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet tal-ġenituri). Is-Sistema ta' Medjazzjoni tal-Familja ([Sistema de Mediação Familiar](#) – SMF) hija servizz promoss mill-Ministeru tal-Ġustizzja u topera fil-pajjiż kollu. Il-medjazzjoni transfruntiera tista' ssejnh ukoll sakemm waħda mill-partijiet tkun fil-Portugall. Fost l-oħrajn, l-SMF hija kompetenti biex tkun medjatur għal tilwim li jista' jirriżulta minn każijiet ta' separazzjoni jew divorzju; dwar ir-regolamentazzjoni, l-alterazzjoni jew in-nuqqas ta' twettiq tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri; dwar id-deżinjazzjoni tad-dar tal-familja (f'każijiet ta' separazzjoni jew divorzju).

Awtorità kompetenti: L-Uffiċċju għas-Soluzzjoni Alternattiva ta' Tilwim (*Gabinete de Resolução Alternativa de Litígios-GRAL*) tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika dwar il-Ġustizzja (*Direção-Geral da Política de Justiça-DGPJ*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: Kwalunkwe persuna involuta f'tilwim tal-familja, nuqqas ta' ftehim, jew ksar (inkluż f'każijiet ta' divorzju, separazzjoni, u regolamentazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet tal-ġenituri).
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Iċ-ċittadini jridu jawtentikaw lilhom infushom permezz taċ-ċertifikat ta' awtentikazzjoni diġitali tal-karta tal-identità tagħhom jew tal-kjavi Diġitali Mobbli.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Il-formola titlob biss deskrizzjoni qasira tat-tilwima, identifikazzjoni taż-żewġ partijiet involuti u l-utent jista' jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun utli għall-każ. Il-partijiet imbagħad jiġu kkuntattjati mid-DGPJ/mill-GRAL biex jikkonfermaw it-talba għal medjazzjoni u jinħatar medjatur tal-familjal (jew, jekk jippreferu, jistgħu jagħżlu medjatur mil-lista ta' medjaturi).

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBLI

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: EUR 50 għal kull waħda mill-partijiet involuti fil-proċess, irrispettivament mill-għadd ta' sessjonijiet ta' medjazzjoni u d-durata totali tal-proċess.

Link: <https://ralmais.dgpj.justica.gov.pt/ords/f?p=165:2:.....>

Aktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni tal-familja fil-Portugall hija disponibbli [hawn](#).

Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Pjattaforma online li tiffaċilita l-istabbiliment ta' kumpanija u l-aċċess online għar-reġistru tal-kumpaniji.

Awtorità kompetenti: L-Istitut tar-Reġistru u n-Nutara (*Instituto dos Registos e do Notariado*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: Kumpanija tista' tiġi stabbilita online jekk is-sħab kollha jkollhom ID b'firma diġitali attivata. Tista' tiġi stabbilita wkoll minn ġuristi, avukati, jew nutara
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Iċ-ċittadini jridu jawtentikaw lilhom infushom permezz taċ-ċertifikat ta' awtentikazzjoni diġitali tal-karta tal-identità (jew passaport) tagħhom jew tal-kjavi Diġitali Mobbli. Il-ġuristi, l-avukati u n-nutara jistgħu jużaw ukoll iċ-ċertifikat diġitali tagħhom li jiċċertifika l-kwalità professjonali tagħhom biex jawtentikaw lilhom infushom.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Mingħajr preġudizzju għal dokumenti oħra, li jistgħu jkunu meħtieġa, relatati mal-kapaċità u s-setgħat għall-att u kwalunkwe awtorizzazzjoni speċjali li hija meħtieġa għall-inkorporazzjoni tal-kumpanija, għar-reġistru sussegwenti tal-inkorporazzjoni tal-kumpanija u l-ħatra ta' manigġers/diretturi trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-ħatra u dikjarazzjoni li huma ma jafux b'ċirkostanzi li jistgħu jwaqqfuhom milli jokkupaw ir-rwol.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBLI

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: Il-kost tal-istabbiliment ta' kumpanija:

- l-użu tal-mudell tal-patt soċjali approvat minn qabel huwa ta' EUR 220.
- mas-sħab li jfasslu l-patt soċjali proprju tagħhom huwa ta' EUR 360.
- għal trademark assoċjata ma' klassi ta' oġġetti jew servizzi huwa ta' EUR 100 u EUR 44 għal kwalunkwe klassi addizzjonali.

Link: <https://eportugal.gov.pt/espaco-empresa/empresa-online>

Aktar informazzjoni dwar kif tistabbilixxi kumpanija fil-Portugall hija disponibbli [hawn](#).

Huwa possibbli li tiġi aċċessata l-informazzjoni dwar il-kumpaniji, li tinsab fir-reġistru kummerċjali Portugiż, permezz taċ-Ċertifikat Permanenti, bil-Portugiż u bl-Ingliż.

It-talba għaċ-ċertifikat permanenti tista' ssir [fuq l-Internet](#), mingħajr il-ħtieġa għal awtentikazzjoni.

Iċ-Ċertifikat Permanenti bl-Ingliż:

- għandu l-istess status legali bħal ċertifikat bil-Portugiż;
- għandu l-istess prezz ta' ċertifikat bil-Portugiż;
- jinkiseb faċilment bħal ċertifikat permanenti bil-Portugiż: jintalab u jiġi kkonsultati fuq l-Internet, b'mod kompletament dematerjalizzat.

Aktar informazzjoni hija disponibbli [hawn](#).

Ċertifikat tar-reġistru tal-vetturi online

Huwa possibbli li tiġi aċċessata l-informazzjoni dwar il-vetturi, li tinsab fir-reġistru tal-vetturi Portugiż, permezz taċ-Ċertifikat Permanenti, bil-Portugiż. It-talba għaċ-ċertifikat permanenti tista' ssir [fuq l-Internet](#), mingħajr il-ħtieġa għal awtentikazzjoni. It-talbiet għaċ-ċertifikati jistgħu jsiru bl-Ingliż, iżda ċ-ċertifikat jiġi pprovdut bil-Portugiż.

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Iċ-ċertifikat permanenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jipprovdi, online, ir-reġistri kollha fis-seħħ dwar vettura, anke t-talbiet pendenti. Huwa dejjem aġġornat u disponibbli.

Dan iċ-ċertifikat juri min hu s-sid tal-vettura u x'tariffi huma relatati miegħu.

Iċ-ċertifikat permanenti għandu l-istess valur legali bħaċ-ċertifikat stampat. L-ebda entità pubblika jew privata ma tista' tirrifjuta li tirċievi l-kodiċi ta' ċertifikat permanenti minflok iċ-ċertifikat stampat.

Kost: Iċ-ċertifikat permanenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jiswa EUR 10.

Għażliet ta' pagament:

- ATM
- Servizzi bankarji mid-dar (fuq is-sit web jew l-applikazzjoni tal-bank tiegħek).

Aktar informazzjoni hija disponibbli [hawn](#).

Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Il-Portugall ma jipprovdi servizzi tat-traduzzjoni pubbliċi online fil-qasam tal-Ġustizzja. Madankollu, id-dokumenti u ċ-ċertifikazzjonijiet li għejjin jistgħu jintalbu f'format b'bosta lingwi f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1191:

- It-twelid
- Il-mewt
- Iż-żwieġ (inkluża l-kapaċità għaż-żwieġ u l-istat ċivili)
- Ċertifikat tar-rekord kriminali.

Aktar informazzjoni hija disponibbli [hawn](#).

■ L-aħħar aġġornament: 27/11/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.